# Kelmtejn tal-Aħħar

Michael Spagnol

Qattajna nofstanhar nisimgħu dwar ir-retorika, l-arti tal-persważjoni. L-arti tat-taħdit, ta' li ngħidu u nitkellmu biex nikkonvinċu. Li permezz ta' ftit ħsejjes inġiegħlu lil min jismagħna jibla' kulma ngħidulu. U, jekk tiġina żewġ, jagħmel li nixtiequ aħna.

Il-kelma retorika ġejja mill-Grieg *rhḗtōr*, 'min jitħaddet fil-pubbliku', mill-għerq tal-verb *eírō*, 'jiena ngħid'. Jiena ngħid. Issa jien x'fadalli xi ngħid wara sensiela ta' ħdax-il diskors? Diskorsi li missew mal-metafori, il-mistoqsijiet, l-islogans u l-istrateġiji varji li l-kelliema jużaw biex iġiegħlu lis-semmiegħa jemmnuhom, jixmu warajhom, jirrepetu kliemhom, jivvutawlhom jew jiskartawhom.

Naħseb fadalli tliet affarijiet xi ngħid.

Qabelxejn, ir-retorika f'pajjiżna ssir primarjament bil-Malti. Jolqotni li l-kampanji politiċi jkunu bil-Malti, mill-islogans sal-billboards, mill-filmati sal-hashtags fil-mezzi soċjali. Imqar fil-kampanji tal-Junior College u l-Università, il-Malti jintuża. Għax il-politiċi, għal kuntrarju ta' ħafna kumpaniji privati, jafu li biex tqanqal il-folla trid tindirizzaha bi lsienha.

It-tieni, irrid nirringrazzja lil Mario Thomas Vassallo, ta' din il-kollaborazzjoni sabiħa, lil Adrian Grima, u lil George Vidal Zammit tal-organizzazzjoni. Lil Maxine, Daniel, Gianluca, Bradley, Ricardo u Godfrey tal-għajnuna li tawna dalgħodu. Lill-istaff amministrattiv tad-Dipartiment tal-Malti u tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, u l-istaff tal-Kampus tal-Belt, fosthom dawk li laqgħuna fid-daħla, naddfu s-sala, u li ferrgħulna l-kafè.

It-tielet, nixtieq nipperswadikom li jiena naf nuża l-istrateġiji tar-retorika. Speċjalment l-istrateġija tar-ripetizzjoni. Ir-ripetizzjoni tal-ħoss f'tarf il-kelma. Ma nafx indunajtux li ħafna slogans politiċi jkunu versi tat-tmienja. Jinqdew bil-vers tipiku tal-għana, tat-taqbil u l-poeżija biex ibellgħulna r-ross bil-labra. U jien, ta' żatat li jien, se nipprova nagħmel bħalhom. Skużawni jekk ma komplejtx magħkom waqt il-waqfa għall-kafè, għax, inqerr magħkom, ispirajtuni u kont qed inħarbex dawn l-erba' versi.

Ġid, fiduċja, direzzjoni
Kulħadd b'fehma u opinjoni
Biex fl-għajnejn inroxxu l-bżar
L-ewwel int... Futur aħjar

Qalu dan hu l-aqwa żmien
U li Malta, ħeqq, flimkien
B'ħafna kliem u ħafna modi
Il-valuri, qalu, sodi

Nissikkaw iċ-ċinturin
L-ewwel jiġi ċ-ċittadin
Bosta qwiel fuq il-futur
U li s-sewwa jirbaħ żgur

Il-ministri suxxettibbli
Il-ġejjieni sostenibbli
Ngħid jien, kos, imma possibbli
Li flimkien kollox possibbli?!

Il-votanti jivvutaw
Uħud minnhom jifflowtjaw
Terġa', oħrajn iħassru l-vot
Par idejn mat-tmun fis-sod

Tal-Kunsilli, l-Ewropej
Min bil-Kap, min bil-Mexxej
Għall-Ewropa ngħidu iva
Fejn spiċċat l-Alternattiva?

Xogħol, ġustizzja, libertà
Mhux biċ-ċajt, bis-serjetà
Għaliex taf x'jorbot u jħoll?
Illi Malta tagħna lkoll.




Xi wħud mill-kelliema jiddjalogaw mal-udjenza



Il-parteċipanti li attendew għal Lingua-Politik 2



Il-parteċipanti tal-Konferenza dakinhar tat-22 ta' April 2023 fl-Aula Prima, Valletta Campus